DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2212

tat-22 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE tar-Renju Unit u d-Dipendenza tal-Kuruna ta' Jersey

(notifikata bid-dokument C(2020) 9453)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u r-reġjuni tagħhom jridu jiġu kklassifikati skont l-istatus tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) tagħhom f'waħda minn tliet kategoriji: riskju tal-BSE negliġibbli, riskju tal-BSE kkontrollat, u riskju tal-BSE indeterminat.

(2) It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li jekk l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) tqiegħed pajjiż applikant f'waħda mit-tliet kategoriji tal-BSE, jista' jiġi deċiż li ssir valutazzjoni mill-ġdid tal-kategorizzazzjoni tal-BSE fil-livell tal-Unjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ([2]) telenka l-istatus tal-BSE ta' pajjiżi jew reġjuni skont ir-riskju tal-BSE tagħhom fil-Partijiet A, B jew C tal-Anness ta' dik id-Deċiżjoni. Il-pajjiżi u r-reġjuni elenkati fil-Parti A ta' dak l-Anness jitqiesu li għandhom riskju negliġibbli tal-BSE, dawk elenkati fil-Parti B tiegħu jitqiesu li għandhom riskju kkontrollat tal-BSE, filwaqt li l-Parti C ta' dak l-Anness tipprevedi li pajjiżi jew reġjuni mhux elenkati fil-Parti A jew B jridu jitqiesu li għandhom riskju indeterminat tal-BSE.

(4) L-Irlanda ta' Fuq u l-Iskozja bħalissa jaqgħu taħt il-Parti A tal-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala reġjuni b'riskju negliġibbli tal-BSE, filwaqt li r-Renju Unit bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq u l-Iskozja bħalissa jaqa' taħt il-Parti B ta' dak l-Anness bħala pajjiż b'riskju kkontrollat tal-BSE.

(5) Fit-28 ta' Mejju 2019, matul is-Sessjoni Ġenerali tagħha, l-Assemblea Dinjija tal-OIE adottat ir-Riżoluzzjoni Nru 19 dwar ir-Rikonoxximent tal-Istatus ta' Riskju tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Membri ([3]), bil-għan ta' dħul fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2019. Dik ir-Riżoluzzjoni rrikonoxxiet li l-Iskozja għandha riskju kkontrollat tal-BSE. Wara valutazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni fil-livell tal-Unjoni, li tirriżulta minn dik ir-Riżoluzzjoni tal-OIE, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-istatus tal-BSE ġdid tal-OIE għall-Iskozja jenħtieġ li jiġi rifless fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).

([3]) http://www.oie.int/fileadmin/Home/eng/Animal_Health_in_the_World/docs/pdf/Resolutions/2019/A_R19_BSE_risk.pdf.

(6) Fit-29 ta' Mejju 2020, l-Assemblea Dinjija tad-Delegati tal-OIE adottat ir-Riżoluzzjoni Nru 11 ([4]) li tirrikonoxxi li Jersey għandu riskju negliġibbli tal-BSE, f'konformità mal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OEI. Wara valutazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni fil-livell tal-Unjoni, li tirriżulta minn dik ir-Riżoluzzjoni tal-OIE, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-istatus tal-BSE ġdid tal-OIE għall-Jersey jenħtieġ li jiġi rifless fid-Deċiżjoni 2007/453/KE.

(7) Ir-Renju Unit ressaq applikazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istatus tiegħu tal-BSE u għal dak tad-Dipendenza tal-Kuruna ta' Jersey. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mill-informazzjoni rilevanti dwar ir-Renju Unit u dwar id-Dipendenza tal-Kuruna ta' Jersey fir-rigward tal-kriterji u l-fatturi ta' riskju potenzjali msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u li huma stabbiliti fil-Kapitoli A u B tal-Anness II ta' dak ir-Regolament. Filwaqt li titqies l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, jenħtieġ li dak il-pajjiż terz jiġi inkluż fil-Parti B tal-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE, filwaqt li d-Dipendenza tal-Kuruna ta' Jersey jenħtieġ li tiġi inkluża fil-Parti A ta' dak l-Anness.

(8) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqu, japplikaw għar-Renju Unit u ġewwa fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara l-perjodu ta' tranżizzjoni li hemm previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għal dik ir-raġuni, fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni l-Irlanda ta' Fuq biss jenħtieġ li tiġi elenkata bħala reġjun ta' Stat Membru fil-Parti A tal-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE.

(9) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jiġi emendat skont dan.

(10) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

([4]) https://www.oie.int/fileadmin/Home/eng/About_us/docs/pdf/Session/2020/A_RESO_2020.pdf

ANNESS

"ANNESS

LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI

A. **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju tal-BSE negliġibbli**

Stati Membri

— Il-Belġju

— Il-Bulgarija

— Iċ-Ċekja

— Id-Danimarka

— Il-Ġermanja

— L-Estonja

— Spanja

— Il-Kroazja

— L-Italja

— Ċipru

— Il-Latvja

— Il-Litwanja

— Il-Lussemburgu

— L-Ungerija

— Malta

— In-Netherlands

— L-Awstrija

— Il-Polonja

— Il-Portugall

— Ir-Rumanija

— Is-Slovenja

— Is-Slovakkja

— Il-Finlandja

— L-Iżvezja

Reġjuni tal-Istati Membri (*)

— L-Irlanda ta' Fuq

Pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ ~~H~~ieles

— L-Iżlanda

— Il-Liechtenstein

— In-Norveġja

— L-Iżvizzera

Pajjiżi terzi

— L-Arġentina

— L-Awstralja

— Il-Brażil

— Iċ-Ċili

— Il-Kolombja
— Il-Costa Rica
— L-Indja
— L-Iżrael
— Il-Ġappun
— Jersey
— In-Namibja
— New Zealand
— Il-Panama
— Il-Paragwaj
— Il-Perù
— Is-Serbja (**)
— Singapore
— L-Istati Uniti
— L-Urugwaj

B. **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju tal-BSE kkontrollat**

Stati Membri

— L-Irlanda
— Il-Greċja
— Franza

Pajjiżi terzi

— Il-Kanada
— Il-Messiku
— In-Nikaragwa
— Il-Korea t'Isfel
— It-Tajwan
— Ir-Renju Unit bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq

C. **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju tal-BSE indeterminat**

— Il-pajjiżi jew ir-reġjuni li mhumiex elenkati fil-punti A jew B

_____

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-iskopijiet ta' dan l-Anness kwalunkwe referenza għall-Istati Membri tinkludi r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

(**) Kif imsemmi fl-Artikolu 135 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p. 16)."